# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 6 ta' Dicembru, 2016**

**Kawża Nru 5**

**Rikors Nru. 913/2016JRM**

**BANK OF VALLETTA p.l.c. (C-2833)**

vs

Carmelo u M'Dolores miżżewġin **GRECH**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-11 ta' Ottubru, 2016, li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra talbet li din il-Qorti:

(i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt tal-1 ta' Awwissu, 2006, fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi (hawn esebit bħala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-istess imħarrkin miżżewġin Grech (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess miżżewġin Grech li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta attriċi; u

(ii) Tikkundanna lill-imsemmija mħarrkin miżżewġin Grech, flimkien u "in solidum", jħallsu lis-soċjeta attriċi s-somma ta' tnejn u ħamsin elf, tliet mija u sebgħa u disgħin ewro u erbgħa u sittin ċenteżmi (€52,397.64) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Accounts*" tal-istess imħarrkin mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B2 u C1 sa C2") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mit-3 ta' Ottubru, 2016 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat bil-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni lill-intimati li naqsu li jippreżentaw risposta fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula minn rappreżentant tas-soċjeta rikorrenti waqt is-smigħ tal-lum;

Semgħet l-avukat tas-soċjeta rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw mistħoqqa;

Fil-Kontumaċja tal-intimati taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tas-soċjeta rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt nutarili tal-1 ta' Awwissu, 2016, fl-atti ta' Nutar Dottor Tonio Cauchi billi l-imħarrkin miżżewġin Grech naqsu li jħallsu regolarment u fiż-żmien li fih intrabtu li jagħmlu dan mal-Bank attur; billi l-istess imħarrkin naqsu li jwettqu l-obbligi l-oħrajn li ntrabtu bihom; u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess imħarrkin li jolqtu ħażin il-possibilita tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess Bank attur;

**Tilqa' t-tieni talba** attriċi billi tikkundanna lill-imħarrkin miżżewġin Grech, flimkien u in solidum bejniethom, biex iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' tnejn u ħamsin elf, tliet mija u sebgħa u disgħin euro u erbgħa u sittin ċenteżmi ***(€52,397.64) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" tagħhom, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mit-3 ta' Ottubru, 2016, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tikkundanna** lill-imħarrkin, flimkien u solidament bejniethom, biex iħallsu **l-ispejjez tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**6 ta' Diċembru, 2016**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**6 ta' Diċembru, 2016**

*** Korrezzjoni Awtorizzata b'degriet tat-3 ta' Jannar, 2017 a tenur tal-Art 825(2) tal-Kap 12

Il-figuri "€21,676.43" gew kancellati u minflok gew inseriti l-figuri €52,397.64"

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**
**3 ta' Jannar, 2017**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**
**3 ta' Jannar, 2017**